FWA
FRANCISCAN WELFARE ASSOCIATION
Taking care of the community

# Rapport Annwali

## Jannar – Diċembru 2023

## Introduzzjoni

Dan ir-Rapport Annwali ikopri l-ħidma fil-perjodu bejn l- 1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023.

***Missjoni tal-Assoċċjazzjoni:**: Biex niehdu hsieb il-bzonnijiet socjali tal-komunita' tal-Qawra billi nipprovdu ikel u assistenza socjali lil individwi u familji li jfittxu l-ghajnuna taghna, nipprovdu post sikur fejn nies li jhossuhom wahidhom jistghu jiltaqghu u refugju f'kaz ta' xi incident kbir.*

Għal dan il-għan l-FWA tassisti fil-'welfare' tal-persuni fil-bżonn fl-inħawi tal-Qawra, Bugibba, Mellieħa u San Pawl il-Baħar billi tqassam madwar 150 ikla msajjra, 'frozen', ipprovduti mill-Kċina ta' Marta, tlett darbiet fil-ġimgħa. L-FWA tuża riżorsi oħra biex tissuplimenta dan l-ikel billi tipprovdi wkoll ħobż u frott. L-FWA tqassam wkoll darba fil-ġimgħa, 'hampers' ta' ikel fil-bottijiet. L-Assoċċjazzjoni tuża wkoll fondi biex tassisti fi ħlas ta' kera, kontijiet tal-ARMS, mediċini. eċċ

## Il-Bord ta' Amministrazzjoni

Wara l-LGA li saret nhar il-Ħamis 22 ta' Frar 2024, u l-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara din il-Laqgħa, dawn l-amministraturi kienu appuntati,

Fr Andrew Galea – CEO (appuntat 19.11.19)
Is-Sur John Buttigieg– Chairman (appuntat 15.03.23)
Is-Sur Mark Gatt - Deputat Chairman (appuntat 15.03.23)
Is-Sur Mario Camilleri – Tezorier (appuntat 28.02.22)
Eur.Ing. Kenneth Abela – Segretarju (appuntat 28.02.22)
Fr Frans Deguara – Membru – (appuntat 06.03.19)
Is-Sur Antoine Busuttil – Membru (appuntata 15.03.23)
Is-Sur Charles Triganza – Membru (appuntat 06.03.19)
Ms Amy Camilleri – Membru (appuntat 28.02.22)
Is-Sur Pierre Camilleri – Membru (appuntata 22.02.24)
Is-Sur Paul Sammut - Membru (appuntat 15.03.23)

VO NO. 1747
C/O ST. FRANCIS OF ASSISI PARISH CHURCH, TRIQ ANNETTO CARUANA, QAWRA
TEL: 21577088/9
EMAIL: DJAKONIJAFWAQAWRA@GMAIL.COM

FWA
FRANCISCAN WELFARE ASSOCIATION
*Taking care of the community*

<u>**Proġetti u Attivitajiet li saru matul is-sena**</u>

Biex l-FWA tilħaq l-għanijiet tagħha, hi kellha dawn il-ħidmiet matul din is-sena,

F'**Jannar** beda Term 4 tat-Tagħlim tal-Ingliż lill-Ukraini Refuġjati, dejjem fi tlett livelli ta' tagħlim.

F'**Ġunju**, meta spiċċa Term 4, ingħata bidu għall-'conversation classes' għall-Uktaini interessati. Dawn wkoll saru fir-RMLC.

F'**Ġunju** l-FWA resqet talba għal fondi mill-SIS 2024 biex tgħammar 'dining area' għal persuni 'lonley' u fil-bżonn li jiġu jieklu fuq il-post. Din ma intagħżlitx.

F'**Lulju** bdew isiru sessjonijiet ta' attivitajiet u logħob minn annimatriċi għal-tfal Ukreni.

F'**Ottubru** ingħata bidu għal-taħriġ l-Ingliz ghar-Refuġjati, wara li għamilna arranġament mal-Jobsplus.

F'**Ottubru** wkoll bdew sessjonijiet ġodda ta' attivitajiet lit-tfal Ukreni. Dawn bdew isiru nhar ta' Sibt minħabba li ma setgħux isiru matul il-ġimgħa minħabba l-iskola. Dawn bdew isiru lil 25 tifel u tifla f' żewġ 'age groups' differenti. Il-pjan hu li jkun hemm tlett 'semesters' li jintemmu fil-bidu ta' Ġunju 2024.

F'**Novembru** beda formalment it-tqassim ta' ikel imsajjar, kull l-ewwel Tlieta tax-xahar, fejn dawk li jattendu (anzjani, 'dawk 'lonely', eċċ) jieklu fuq il-post fin-dining area. Hawn beda jintuża l-apparat tal-kċina li nxtara grazzi għall-fondi mill-SIS23

F'**Diċembru** organiżżajna Party tal-Milied għat-tfal tas-'service users' tagħna. Grazzi għall-benefetturi, it-tfal kollha ngħataw rigal tal-Milied. F'dan ix-xahar wkoll, ġiet organizzata ikla għas-Service Users tagħna fir-restaurant Buffalo Bill, kollox complimnetary tas-sid.

<u>Apparti dan, l-FWA baqgħet għaddejja bil-ħidma regolari tagħha permezz ta'</u>,

- Ġbir ta' ikel u provisti mingħand suppliers, , fejn jintużaw ml-'istores' li saru grazzi għall-SIS 22.
- Preparamenti ta' rosters u schedules biex jitqassam tlett darbiet fil-ġimgħa l-ikel iffriżat.
- Preparamenti ta' 'food hamper' li jitqassam lill-klijenti tagħna kollha darba fil-ġimgħa.

VO NO. 1747
C/O ST. FRANCIS OF ASSISI PARISH CHURCH, TRIQ ANNETTO CARUANA, QAWRA
TEL: 21577088/9
EMAIL: DJAKONIJAFWAQAWRA@GMAIL.COM

- Koordinament kontinwu mal-Kummissjoni Ħidma Soċjali, FSWS, u Aġenziji oħra fuq każijiet soċjali, kif wkoll ma parroċċi oħra u 'suppliers'
- Moniteraġġ tal-' Facebook page' tagħna u koordinament mal-benefiċċjarji.
- Involviment kontinwu tas-social workers tagħna mal-kazijiet referuti lejhom., li jinkludu każijiet dwar usura, bullying, vjolenza domenstika , u abbuż ta' sustanzi. F'okkazzjonijiet rreferjna każijiet għal-pariri legali u notarili.
- Komplewna bl-assistenza materjali u monetarja f'xiri ta' mediċini, ħrieqi, materjal għat-tindif u anka white goods.
- Ftehim ma' sponsors  bħal Malta Foodbank Foundation għal-donazzjoni regolari ta' ikel .

**Rapport Finanzjarju**

Billi fis-sena 2023, l-FWA applikat għal-fondi mis-Small Initiatives Scheme, qed tistenna biex terċievi l-aħħar ħlas.

Apparti dan, id-dħul kien minn benfatturi u sponsors.

L-FWA ma għandiex proġetti barra min Malta.

Saret talba lill-APS wara li dan il-Bank ħareġ skema ġdida ta' fondi.

L-FWA resqet talba għal-fondi  mill-AMIF fund dwar Taħriġ.

**Konkluzzjoni**

Għas-sena 2024 l-isfida ewlenija tkun l-użu tal-kċina l-ġdida biex 'service users' tagħna ikomplu jieklu fil-Community Centre minflok li jieħdu l-ikel magħhom u jieklu fis-solitudni. Dan itihom l-opportunità li jitħalltu u l-opportunità li aħna ngħallmuhom ftit life skills.

Diġa tlesta programm ghas-sena 2024 ta' conversation classes għal dawk li jispiċċaw il-course tal-Ingliz tal-Jobsplus, sessjonijiet ta' logħob u tagħlim għal tfal Ukreni (grazzi għal 'sponsorship' mir-RMLC) , u sessjonijiet għall-Ukreni adulti fi *stress management*.

Eur.Ing. Kenneth Abela
Segretarju
FWA